# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 11 ta' Ottubru, 2001**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 422/88 JF**

**L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta' "FENECH OIL & PETROLEUM CO. LIMITED"**

**vs**

**Alfred Pace u Joanne Pace ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta "RONASONS INTERNATIONAL LIMITED"**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuti jinsabu inadempjenti versu l-attur fis-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin liri Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (Lm2,152.08,6), bilanc minn somma akbar, prezz ta' fuel oil, lilhom mibjugh u konsenjat;

U premess illi l-konvenuti interpellati, baqghu inadempjenti;

U premess illi jezistu c-cirkostanzi kif kontemplat ai termini tal-Artiklu 167/170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu;

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza minghajr ma tisma' l-konvenuti u dan kif provdut ai termini tal-Artiklu 167/170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduta Civili;

2. Tiddikjara l-konvenuti inadempjenti fis-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin liri Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (Lm2,152.08,6);u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin liri Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (Lm2,152.08,6);

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici tinsab preskritta u dan a tenur ta' artikolu tal-Kodici Civili.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur nomine.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjonijiet moghtijin kemm minn din il-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mill-partijiet;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din li ser tinghata issa hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminarja li giet sollevata mis-socjeta' konvenuta dwar preskrizzjoni li, ulterjorment (ara seduta tas-6 ta' Ottubru1988, a fol. 10 tal-process) giet specifikata bhala dik li tissemma fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16, jigifieri dik qasira ta' tmintax-il xahar rigwardanti azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ghas-somma ta' Lm2,152.08,6 bilanc minn somma akbar, prezz ta' "fuel oil" mibjugha u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma tichadx li hija kienet tixtri regolarment kunsinni fuq bazi "wholesale" ta' kkunsinni sostanzjali ta' zjut minghand is-socjeta' attrici biex dawn jigu fornuti lill-bastimenti li

minn zmien ghall-zmien jitolbuhomlha, l-istess socjeta' konvenuta tinsisti illi tali negozju mas-socjeta' attrici waqaf fil-bidu tas-snin tmenin, u cjoe' x'imkien bejn is-snin 1981 jew 1982 jew 1983. Minn hemm 'il quddiem il-fornituri bdew jinxtraw wahda wahda, apparti minn negozju separat relativ ghal provvista ta' servizz ta' trasport ghall-garr ta' dan iz-zejt.

Mill-provi akkwiziti jirrizulta li kien hemm il-prattika bejn iz-zewg socjetajiet li l-bejgh taz-zjut kien isir wara li tinhareg "requisition order" min-naha tas-socjeta' attrici fornitrci u ffirmata in konferma min-naha tas-socjeta' konvenuta. Mid-diversi dokumenti li gew esebiti mis-socjeta' attrici – hekk ara Dok AB1 – sa Dok AB51, a fol. 163 – 213 tal-process – jirrizulta kjarament li ta' lanqas is-socjeta' attrici kienet dejjem ikkunsidrat ir-rapport taghha mas-socjeta' konvenuta bhala wiehed ta' "a running account" b'fornituri li jissuktaw u bi hlasijiet akkont min-naha tal-kumpratur. Min-naha l-ohra is-socjeta' kovenuta baqghet tutt'ora tinsisti li l-fatturi esebiti mill-kontroparti ghas-snin 1983 u 1985 huma distinti u separati minn dawk relatati mill-fornitura taz-zejt u huma limitati ghall-provvista ta' servizz ta' trasport, u dana billi matul dan il-perjodu in kwistjoni l-attur nomine kien waqaf iforni z-zejt lis-socjeta' konvenuta.

Illi minn ezami tal-provi m'ghandux ikun hemm dubju li almenu sas-sena 1983 ir-relazzjoni kummercjali ta' bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti ghall-provvista ta' zjut u trasport kienet wahda bbazata fuq fornituri li

jissoktaw b'kunsinni ta' fornituri bil-kreditu u bi provvista ta' servizzi proprju kif hemm imsemmi fl-artiklu 2151 tal-Kap 16. Illli skond is-subartiklu (2) tal-aritklu 2151 surreferit f'kull kaz bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, servizzi jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni. Jirrizulta l-att ta' citazzjoni gie prezentat fit-2 ta' Mejju 1988.

Illi huwa minnu li fil-meritu hemm divergenzi notevoli bejn il-qaghdiet jew verzjonijiet li kull naha kontendenti qeghda tavanza. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li dak li suppost gie fornit bhala "fuel oil" kien kwantitativament anqas minn dak ordnat u li hija kwindi ma kellha thallas xejn tieghu lis-socjeta' attrici. Din l-istess socjeta' konvenuta tinsisti wkoll li l-addebitament bhala hlas "on account" da parti tas-socjeta' attrici kien agir abbuziv ghaliex il-hlasijiet ulterjuri li gew effettwati min-naha taghha wara l-1983 ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-allegata fornitura u bilanc mitlub mill-attur nomine f'din il-kawza. Min-naha l-ohra l-attur nomine xehed u nsista li l-prattika li hadmet biha tul il-snin is-socjeta' tieghu mas-socjeta' konvenuta baqghet dejjem l-istess u kien wara d-disgwid li nqala' ghall-habta tas-sena 1983 li kien sar arrangament biex kull fornitura tibda tithallas separatament.

Illi meta l-Qorti gharblet il-provi kollha prodotta u hadet ukoll kont tal-kwantita' u mod ta' fornituri ordnati u kkonsenjati bejn dawn iz-zewg intraprizi kummercjali, hija tal-fehma li l-preskrizzjoni talvolta applikabbli f'dan il-kaz kellha tkun dik kwinkennali. Certament hawn non si trattava ta' bejgh bl-imnut – ta' lanqas mhux sas-sena 1983 u probabbli hekk ukoll sas-sena 1985. Tajjeb hawn li ssir riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "M. Fenech noe vs P. Camilleri" fit-18 ta' Jannar 1993, fejn gie rilevat inter alia illi:

> *"Fil-kaz prezenti, apparti li temergi cara l-kwalita' ta' grossista tas-socjeta' attrici, anke mil-'letterheads' esebiti (Suppliers and distributors of petroleum products) hemm il-fatt ta' l-ammont ta' 'gas-oil' fornit, li jitkellem wahdu u l-kont relattiv. Fil-fehma ta' din il-Qorti, certament, f'dan il-kaz m'ahniex nitkellmu fuq kwantitajiet mizurati skond il-bzonn tal-konsumatur izda kunsenja wahda kbira ta' 'gas oil' li facilment setghet tinxtara fi kwantitajiet zghar skond il-bzonn. Fil-kaz prezenti si tratta, infatti, ta' hames mitt gallun 'gas oil', u kunsenjata din il-kwalita' ghall-impjant ta' 'air-conditioning' ta' dar ma tistax hlief titqies bhalla wahda bl-ingrossa."*

Multo magis meta hawn si tratta ta' provvista ta' zjut ghall-uzu ta' bastimenti flimkien ma' servizzi ta' trasport li pperdura ferm wara s-sena 1988. Il-konvenut nomine ma jichadx li saret l-ordni imma jallega li wara

sar jaf li l-fornitura ma saritx skond il-kwalita' pattwita. Jghid ukoll li l-hlasijiet ta' wara ma kellhom jigu konfonduti ma' dak li baqghet tippretendi bhala hlas bilancjali minghandu s-socjeta' attrici. Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm certament il-meritu jibqa' impregudikat peress li, kif fuq gie rilevat ghalissa qeghda tigi mistharrga u deciza biss l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni, il-Qorti, tenut kont tas-suespost, jidhrilha li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwantu bazata fuq l-artiklu 2148 (b) ma hijiex wahda fondata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni dwar preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta' konvenuta a spejjez taghha, u tondna fl-istess waqt il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu, skond il-ligi.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md